MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1395/1992/1

**Doris Barbara, mart l-imsemmi Aldo Barbara**

**vs**

**Paul Barbara u Aldo Barbara**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ippremettiet:

Illi l-attrici hija mizzewga lill-konvenut Aldo Barbara u l-istess Aldo Barbara u iben il-konvenut l-iehor Paul Barbara;

Illi l-attrici Doris Barbara u l-konvenut Aldo Barbara jinsabu mifruda ‘de facto’ minn xulxin u hemm pendenti bejniethom zewg kawzi ta’ separazzjoni f’ismijiet inversi, illi nbdew b’rikors ghall-awtorizazzjoni ppresentat mill-konvenut Aldo Barbara fis-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti fid-29 ta’ Novembru 1988;

Illi b’kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Jospeh Sciberras Trigona fit-2 ta’ Jannar 1989, il-konvenut Aldo Barbara kien ikkostitwixxa lilu nnifsu d-debitur tal-konvenut l-iehor missieru fis-somma ta’ seba’ telef lira (Lm7000) liema somma kienet skond l-istess att giet ppercepita brevi manu mill-istess konvenut Aldo Barara, b’titolu incert (DOK A);

Illi l-hlas ta’ dan id-“debitu” gie ggarantit mill-konvenut b’ipoteka generali fuq il-beni prezenti u futuri tal-konvenut Aldo Barbara u kif ukoll b’ipoteka specjali fuq is-sehem ta’ nofs indiviz appartenenti lill-istess konvenut Aldo Barbara tad-dar terran, bla numru bl-isem “Aldor”, f’Giovanni Papaffi Street, Birkirkara;

Illi fir-rigward tal-imsemmija dar jigi rilevat illi d-dar in parola kienet inxtrat f’ishma ugwali mill-kontendenti Aldo Barara u Doris Barbara qabel iz-zwieg taghhom lil xulxin u l-istess dar tinsab okkupata mill-attrici u z-zewg titfal minuri taghha wara illi l-konvenut Aldo Barbara abbaduna l-fond konjugali;

Illi c-cirkostanzi tal-publikazzjoni ta’ dana l-att, illi jirrizultaw b’mod konklusiv fil-kors tal-kawza, jaghti lok lill-attrici illi tissusspetta ragonevolment illi l-imsemmi kuntratt u l-istipulazzjonijiet maghmula fih, huwa dolozament simulat u intiz biss biex jnaqqas l-konsistenza tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Aldo Barbara u biex l-introjtu tal-istess konvenut Aldo Barbara jidher ‘prima facie’ ridott b’konsegwenza awtomatika tar-reduzzjoni tal-manteniment pagabbli lilha ghaliha u ghal uliedha minuri;

Illi ghalhekk l-attrici ghandha interess illi timpunja l-imsemmi kuntratt tat-2 ta’ Jannar 1989;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-att ta’ kostituzzjoni ta’ debitu bejn il-konvenuti ippubblikat fit-2 ta’ Jannar 1989 huwa simulat u sar in frodi tad-drittijiet tal-attrici;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi att ippubblikat bejn il-konvenuti fit-2 ta’ Jannar 1989 huwa null u minghajr ebda effett legali;

3. Tordna konsegwentement ir-rexxissjoni tal-istess att, liema rexxissjoni ghandha topera in forza tas-sentenza hekk moghtija minn din il-Qorti u timporta konsegwentement il-liberazzjoni tal-konvenut Aldo Barbara mid-debitu kostitwit fl-att, il-kancellament tal-garanziji ipotekarji ukoll ikkostitwiti fl-istess att u l-obbligu tar-rifuzjoni ta’ kwalunkwe hlas talvolta maghmul mill-konvenut Aldo Barbara lill-konvenut l-iehor Paul Barbara akkont tal-imsemmi debitu;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti illi gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Barbara fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi. Il-kuntratt indikat la huwa simulat u lanqas ma kien hemm xi qerq. L-istess attrici taf tajjeb li zewgha kien debitur ta’ l-eccepjent. Il-kuntratt ippubblikat fit-2 ta’ Jannar 1989 sar fuq insistenza tal-eccepjent li ried jipprotegi d-dirttijiet tieghu u jassigura l-pagament tal-kreditu tieghu, u ibnu l-konvenut Aldo Barara, b’dan il-mod evita proceduri inutili u spendjuzi kontra tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Barbara debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Aldo Barbara fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici minn dejjem kienet konsapevoli tal-fatt li l-eccipjent huwa debitur tal-konvenut l-iehor fis-somma imsemmija fic-citazzjoni u ghalhekk il-kuntratt in kwistjoni – li kien sar fuq insistenza tal-konvenut Paul Barbara – sar validament u ma kien jinvolvi ebda “simulazzjoni doluza” jew frodi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Aldo Barbara debitament konfermata bil-gurtament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attrici;

Rat l-affidavit tal-konvenut Paul Barbara u l-affidavits ta’ Michael Barbara u Carmel Barbara presentati mill-istess konvenut;

Rat l-affidavit tal-konvenut Aldo Barbara;

Semghet lill-konvenut Aldo Barbara in subizzjoni;

Rat li d-difensur tal-konvenut Paul Barbara ttratta oralment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Paul Barbara;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Aldo Barbara;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta l-attrici u l-konvenut Aldo Barbara huma mizzewgin. Fiz-zmien tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni huma kienu separati “de facto” u kien hemm pendenti quddiem il-Qorti kompetenti proceduri ghas-separazzjoni.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-istess konjugi Barbara sseparaw definittivament. Jirrizulta ukoll li l-imsemmi konvenut Aldo Barbara hu bin il-konvenut l-iehor Paul Barbara;

B'kuntratt tat-2 ta' Jannar 1989 (cioe' waqt li kienu pendenti l-imsemmija proceduri ta' separazzjoni) fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona l-konvenut Aldo Barbara kkostitwixxa ruhu cert, veru u likwidu debitur tal-konvenut l-iehor missieru fis-somma ta' sebghat telef lira maltin (Lm7000) u dana bil-pattijiet u kondizzjonijiet kif kontenuti fl-istess att fosthom li ma kellux jithallas imghax. Gie dikjarat fl-istess kuntratt li l-imsemmija somma d-debitur Aldo Barbara kien gia rceviha "brevi manu." Il-hlas lura tal-imsemmi ammont gie ggarantit b'ipoteka generali fuq il-beni prezenti u futuri tal-konvenut Aldo Barbara, kif ukoll b'ipoteka specjali fuq is-sehem ta' nofs indiviz tal-istess konvenut Aldo Barbara tad-dar terran, bla numru bl-isem "Aldor", f'Giovanni Papaffi Street, Birkirkara. Ir-rimanenti nofs indiviz tal-imsemmija dar jappartjeni lill-attrici peress li kienet giet akkwistata mill-konjugi Barbara flimkien qabel ma zzewgu. Din l-abitazzjoni hi d-dar konjugali tal-istess konjugi Barbara. Il-konvenut Aldo Barbara m'ghadux joqod fid-dar konjugali, li issa hi okkupata biss mill-attrici u t-tfal taghha;

Fic-citazzjoni l-attrici tippremetti li hi trid timpunja l-imsemmi kuntratt peress li l-istess kuntratt hu dolozament simulat u intiz biex inaqqas l-konsistenza tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Aldo Barbara. Skond l-attrici l-istess att hu intiz ukoll biex l-introjtu tal-istess konvenut Aldo Barbara jidher li hu baxx u dan jeffettwa l-ammont pagabbli mill-konvenut Aldo Barbara bhala manteniment taghha u ta' uliedha. Ghalhekk l-attrici qed titolb li jigi dikjarat illi l-imsemmi kuntratt hu simulat u sar in frodi tad-drittijiet taghha u kwindi li jigi dikjarat li l-imsemmi att hu null u bla ebda effett legali. L-attrici qed titlob li tigi ordnata r-rexxissjoni tal-istess att bil-konsegwenzi kollha li timplika tali rexxissjoni;

Il-konvenut Paul Barbara qed jeccepixxi li l-kuntratt in kwestjoni la hu simulat u lanqas ma kien hemm xi qerq u

inoltre l-attrici taf li zewgha kien debitur tieghu. L-istess kuntratt sar sabiex l-eccepjent jipprotegi d-dirttijiet tieghu u jassigura l-hlas lura tal-kreditu in kwestjoni;

Il-konvenut Aldo Barbara qed jeccepixxi li l-attrici kienet taf li hu debitur tal-konvenut l-iehor missieru u l-kuntratt sar validament u ma kien jinvolvi ebda “simulazzjoni doluza” jew frodi;

Din hi azzjoni pawljana jew azzjoni revokatorja li hi regolata fil-ligi taghna mill-provedimenti tal-artikolu 1144 tal-Kodici Civili. L-artikolu 1144 (1) jipprovdi li din l-azzjoni tista ssir minn kull kreditur sabiex jattakka l-atti mghamula mid-debiturt li jkunu saru b’qerq u bi pregudizzju tal-istess kreditur. Din l-azzjoni ma tispettax biss lill dawk l-krédituri li l-kreditu taghhom ikun cert u likwidu izda tista ssir anke minn dawk il-krédituri li l-kreditu taghhom ma jkunx ghadu gie determinat. (Vide “Emmanuele Callejla vs. Carmelo Grima et” deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-10ta’ Jannar 1955 – fejn intqal li l-azzjoni hi mghotija lil kull minn hu “titolari ta’ dritt valutabbli pekunjarjament u jsib ruhu defrawdut permezz ta’ atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.”). Ghalhekk minn jghamel l-azzjoni jrid ikun kreditur u inoltre hu necessarju li jigi pruvat ukoll l-“eventus damni” u cioe’ l-pregudizzju li jista isofri l-kreditur u l-“consilium fraudis” u cioe’ li l-l-att in kwestjoni sar b’qerq minn naha tad-debitur u terzi, jekk ikun il-kas;

Ghar-rigward tal-“consilium fraudis” gie ritenut li ghal-finijiet tad-dolo hu bizzejjed li jigi semplicement pruvat li d-debitur seta kien jaf li l-att li ser jghamel jista jkun leziv ghad-drittijiet tal-kreditur. Ghalhekk m’hemmxz bzonn li jigi pruvat li kien hemm pjan mahsub sabiex isir id-dannu lill-kreditur. (Vide sentenza “Emmanuele Callejla vs. Carmelo Grima et” gia citata). Ghalhekk mhux necessarju li jirrizulta li d-debitur ried jirreka dannu, izda hu mehtieg biss li d-debitur seta kien jaf li potenzjalment bl-att li kien ser jghamel seta jippregudika d-drittijiet tal-kreditur;

Ma hemmx dubju li din l-azzjoni tispetta ukoll l-attrici li hi kreditrici tal-konvenut Aldo Barbara ghal-dak li jirrigwarda

l-manteniment li l-istess konvenut irid ihallas ghaliha u ghall-uliedhom, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-konsitenza tal-assi tal-komunmjoni tal-akkwisti u l-eventwali likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti. L-attrici ghandha interess fid-dhul komplessiv ta' zewgha u l-istess dhul jista jitnaqqas bl-esitenza tal-imsemmi kreditu kontra l-konvenut zewgha. Il-fatt li l-konvenut Aldo Barbara iddikjara li hu cert u likwidu debitur ta' missieru l-konvenut l-iehor Paul Barbara u l-fatt li gew iskritti ipoteki kontra l-istess konvenut Aldo Barbara potenzjalment jista jkun dannuzi ghall-attrici, b'mod partikolari jekk l-kuntratt hu simulat. L-attrici ssostni li mhux minnu li l-konvenut Aldo Barbara hu debitur ta' missieru fis-somma indikata fil-kuntratt u ghalhekk qed issostni li l-istess kuntratt hu simulat;

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut Aldo Barbara beda jahdem fin-negozju ta' missieru, l-konvenut l-iehor Paul Barbara, meta kien ghad ghandu biss sittax (16) il-sena. L-imsemmi negozju kien gestit mis-socjeta Aldo's Refrigeration Works Limited, liema socjeta tappartjeni lill-konvenut Paul Barbara. F'Dicembru 1981 Aldo Barbara zzewweg lill-attrici u dak iz-zmien Aldo Barbara kellu paga ta' Lm30 fil-gimgha. Jidher li pero' l-istess konvenut Aldo Barbara kien jghaddi lill-martu Lm50 fil-gimgha. F'Jannar 1983 il-konvenut Aldo Barbara tkecca mill-imsemmi impjieg tieghu;

Jirrizulta li l-missier cioe' Paul Barbara kien kecca lill-ibnu peress li kien qed jirrizultalu li kien hemm xi stocks li kienu neqsin u li kien naqas ukoll id-dhul. Paul Barbara jghid li dan kien dovut ghall-agir ta' ibnu u ghalhekk huwa keccieh. Inoltre jidher ukoll li Paul Barbara kien isellef il-flus lill-ibnu u kien ukoll hallaslu xi djun li kellu ma terzi. F'dan il-kuntest l-attrici tghid li ma tafx ghaliex il-missier kecca lill-zewgha mix-xoghol. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u tar-risultanzii dan mhux verosimili. L-attrici kienet taf kemm kienet il-paga settimanali ta' zewgha mentri l-istess zewgha kull gimgha kien jghaddilha ferm aktar minn kemm kienet l-istess paga. L-attrici fil-kors tal-proceduri tas-separazzjoni tammetti li zewgha kellu jhallas is-somma ta' Lm20 fix-xahar lill-

missieru. Hu inverosimili li l-attrici ma kienitx taf dwar dak li kien qed jghamel zewgha fuq ix-0xoghol u cioe' li kontinwament kien jiehu oggetti u flus appartenenti lill-istess negozju;

In effett l-attrici tipprova tghati l-impressjoni li ma tafx ghaliex zewgha tkecca, ma tafx li zewgha kien qed jiehu oggetti u flus min negozju u ma tafx li zewgha kellu jrodd lura dak kollu li kien ha lill-missieru. F'dan ir-rigward hu ukoll inverosimili li l-attrici ma kienitx taf bejn wiehed u iehor kemm kien l-ammont in kwestjoni. L-attrici stess issemmi episodju meta l-missier kien ta' lill-zewgha xi xorb li kellu jitqassam lill xi klijenti, pero' zewgha zamm ix-xorb ghalih;

Hu kredibbli li Paul Barbara u ibnu ghamlu l-kuntratt in kwstjoni fiz-zmien li sar u dana peress li kien inqala xi inkwiet bejn il-konjugi Barbara u peress ukoll li Paul Barbara ried jissalvagwardja l-interess tieghu u dana anke in vista tal-fatt, kif qal hu stess, li hu ghandu ulied ohra barra l-konvenut Aldo Barbara. Is-somma li tnizzlet fil-kuntratt giet bonarjament miftiehma bejn il-partijiet fil-kuntratt in kwestjoni. L-ammont in kwestjoni, tenut kont tal-provi prodotti, jidher li hu ragjonevoli u ma tnizzlitx somma esorbitanti. Il-fatt li fuq il-kuntratt intqal li s-somma in kwestjoni kienet gia nghatat b'self brevi manu, meta fil-fatt l-ammont kien dovut minhabba l-irregolaritajiet li kien wettaq Aldo Barbara, ma jbiddel xejn dwar ir-raguni ghaliex sar il-kuntratt u meta sar;

Hu minnu li r-raguni vera ghala l-ammont kien dovut ma gietx espress pero' jidher li kien hemm kawza bizzejjed biex jigi pubblikat il-kuntratt. In effett l-artikolu 989 tal-Kodici Civili jistipula li anke jekk il-kawza dikjarata tkun falza xorta wahda l-ftehim jista' jinzamm shih jekk jigi ppruvat li kien hemm kawza ohra. Inoltre l-attrici tammetti li Paul Barbara kien informha li kien ser isir il-kuntratt in kwestjoni li bih ried jissalvagwarja l-interess tieghu kif ukoll ma jippregudikax dawk tal-attrici;

Jirrizulta inoltre li fil-kors tal-proceduri tas-separazzjoni l-attrici stess talbet li Lm20 li kienu dovuti lill Paul Barbara

jizdiedu mal-manteniment mensili u hi da parti taghha thallashom lill Paul Barbara. Jidher li in effett l-attrici naqset li toqod ghall-ordni relattiva tal-Qorti kompetenti, u naqset li tghaddi l-imsemmi ammont lill-istess Paul Barbara. Jigi rilevat ukoll li l-ipoteka specjali giet iskritta kontra l-konvenut ghar-rigward ta' sehemu mid-dar konjugali;

Inoltre kif gia rilevat l-attrici kienet taf li kien ser isir il-kuntratt in kwestjoni u ma inizjatx immedjatament il-proceduri biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha. Ghadda certu perjodu ta' zmien biex l-attrici bdiet dawn il-proceduri u dana mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt de quo;

Ma jirrizultax li kien hemm l-intenzjoni fraudolenti meta sar il-kuntratt. F'azzjoni bhala din ma hemm l-ebda presunzjoni ta' frodi u ghalhekk hi l-attrici li trid tipprova li kien hemm l-intenzjoni li hi tigi ffrodata bil-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt. Dan l-attrici ma rnexxilix tipprovah;

In vista tal-premess ma jirrizultawx l-elementi kollha li huma essenzjali biex tirnexxi azzjoni bhal dik presenti. Kwindi ghandu jitqies li l-attrici ma ppruvatx b'mod ragjonevoli l-allegazzjonijiet taghha u ghalhekk it-talbiet taghha jimmeritaw li jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------